



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2103(DEC)

8.12.2014

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' EUROJUST għas-sena
finanzjarja 2013
(2014/2103(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali tal-Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea (Eurojust) jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2013 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u tal-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-ippjanar u l-implimentazzjoni baġitarja;
3. Madankollu, jieħu nota, f'dan ir-rigward, tal-ġustifikazzjonijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri u l-isforzi li diġà saru mill-Eurojust rigward dan, fejn din l-Unità diġà implimentat il-pariri tal-Qorti u wettqet tnaqqis f'għadd ta' linji baġitarji ta' 26.4% għas-sena finanzjarja 2014;
4. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni għat-twaqqif ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-Eurojust, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom din tkun użat l-approprijazzjonijiet tagħha fit-tweqqif tal-kompiti mogħtija lilha.